# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, il-Ħamis, 25 ta' Ottubru, 2018

**Kawża Numru 9 (Kost.)**
**Rik. Nru. 45/09JRM**

George **SCERRI** u martu Edith Scerri

vs

**L-AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR** u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, wara talba li r-rikorrenti ressqu b'rikors tagħhom tal-25 ta' Ġunju, 2018[1], li fih u għar-raġunijiet minnu hemm imsemmija, huma talbu li l-Qorti tħassar "*contrario imperio*" d-degriet

[1] Paġġ. 219 – 220 tal-proċess

mogħti minnha waqt is-smigħ tal-14 ta' Marzu, 2018, u terġa' ġġib fis-seħħ id-degriet li kienet tat fil-15 ta' Ottubru, 2009[2], li bih kienet tat ordni provviżorju kontra l-Awtorità intimata sakemm iddum tinstema' l-kawża;

Illi għall-imsemmija talba, l-Awtorità intimata laqgħet bi Tweġiba mressqa fit-28 ta' Lulju, 2018[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, tat il-fehma tagħha dwar is-siwi tad-degriet mogħti fl-14 ta' Marzu, 2018, u li kien sar fuq talba tal-istess rikorrenti;

Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ressaq Tweġiba fit-2 ta' Lulju, 2018[4], li biha qal li kien joqgħod għal dak li tagħżel li tagħmel il-Qorti;

***Ikkunsidrat:***

Illi d-degriet li l-Qorti kienet tat fil-15 ta' Ottubru, 2009, ukoll fuq talba tar-rikorrenti magħmula waqt is-smigħ ta' dakinhar, kien jorbot lill-Awtorità intimata biex, sakemm għadha miexja din il-kawża, ma tagħmel jew tieħu l-ebda pass ulterjuri dwar il-*PC Application* mertu tal-każ lil hinn minn dak li kienet diġà wettqet sa dakinhar;

Illi waqt li kienet miexja din il-kawża, intalbu għadd ta' differimenti għaliex il-partijiet (ir-rikorrenti u l-Awtorità) kienu qegħdin jaħdmu biex tingħeleb il-kwestjoni li minħabba fiha r-rikorrenti jgħidu li ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. F'xi żmien, dawn l-iżviluppi wasslu biex ir-rikorrenti nfushom jitolbu li l-Qorti tħassar l-ordni mogħti minnha f'Ottubru tal-2009, minħabba li, sakemm idum fis-seħħ, kien ikun ta' xkiel għas-soluzzjoni li l-partijiet kienu qegħdin jaħdmu għaliha;

Illi ġara li sakemm kien għadu fis-seħħ l-imsemmi ordni, il-proċess tal-approvazzjoni tal-imsemmija *PC Application* kien jitwaħħal u s-soluzzjoni mfittxja mill-partijiet ma setgħetx tingħata;

Illi bħalma ngħad drabi oħrajn f'ċirkostanzi bħal din[5], is-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

2 Paġ. 24 tal-proċess
3 Paġġ. 224 – 6 tal-proċess
4 Paġ. 227 tal-proċess
5 P.A. (Kost.) MCH **30.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Bonniċi vs L-Avukat Ġenerali***

Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[6];

Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorità u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[7]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[8]. Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[9];

Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinħalqu ċ-ċirkostanzi ħalli jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm ħsara imminenti li titlob it-teħid ta' provvediment bħal dak[10];

Illi għalkemm huwa minnu li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[11], ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli[12]. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni[13];

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li r-rikorrenti tawha raġunijiet tajbin biex iwassluha terġa' tħaddem id-diskrezzjoni tagħha li tagħti l-provvediment provviżorju li qegħdin jitolbuha tagħti;

Illi fl-ewwel lok, ma jidhirx li hemm l-estremi biex dan l-ordni jerġa' jingħata, u l-Awtorità intimata tagħraf sewwa safejn tista' tasal biex ma xxellifx difrejha ma' xi ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti li kienu wassluhom biex jiftħu din il-kawża;

---

[6] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM **5.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et***
[7] Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik. Nru. 46837/99) § 110
[8] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113
[9] Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***
[10] Kost. **25.9.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***
[11] Ara K Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*</u> (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20
[12] Ara P.A. (Kost.) JPG **14.12.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Formosa vs Avukat Ġenerali***
[13] Ara Ordni *Interim* Q.E.D.B. **30.11.1999** fil-kawża ***Ocalan vs Turkija*** (Applik. 46221/99)

Illi fit-tieni lok, minn dak li tista’ tara l-Qorti, jekk kemm-il darba kellu jerġa’ jingħata l-ordni li tħassar, il-proċess li bih il-partijiet kienu jistgħu jaslu għal soluzzjoni tal-problema jitwaqqaf zopptu u jkun intilef għalxejn iż-żmien kollu li l-kawża ilha wieqfa fuq talba tal-partijiet infushom bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bejniethom barra l-Qorti;

Illi r-rikorrenti ma taw lil din il-Qorti l-ebda raġuni oħra minn dawk imsemmija hawn fuq għalfejn il-miżura minnhom mitluba għandha terġa’ tintlaqa’ f’dan l-istadju tal-kawża. Il-Qorti tqis li f’każ li l-proċess tal-approvazzjoni tal-*PC Application* ikompli jitmexxa ’l quddiem, il-jeddijiet tar-rikorrenti ma jkunux imġarrba tabilfors b’mod li ma jissewwiex;

Illi għaldaqstant, qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ mill-ġdid ta’ ordni provviżorju kontra l-Awtorità intimata minħabba li ma jeżistux il-kundizzjonijiet li jwasslu għal dan.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta’ Ottubru, 2018**